

Paġna Ewlenija > ... > Leġiżlazzjoni U Każistika > Identifikatur Ewropew Tal-ġurisprudenza (ECLI) > Netherlands

Identifikatur ewropew tal-ġurisprudenza (ECLI)

Il-kontenut ipprovdut minn Olanda

Olanda

Il-Koordinatur Nazzjonali tal-ECLI

Il-koordinatur nazzjonali tal-ECLI huwa l-Kunsill għall-Ġudikatura (*Raad voor de rechtspraak*). Tista' tikkuntattja lill-koordinatur fl-indirizz elettroniku li ġej: kennissystemen@rechtspraak.nl

Kodiċi tal-pajjiż

Il-kodiċi tal-pajjiż għan-Netherlands huwa: [NL]

Il-ġenerazzjoni ta' ECLIs nazzjonali

L-ECLI ġie introdott fin-Netherlands fit-28 ta' Ġunju 2013. ECLI jista' jiġi attribwit:

- għad-deċiżjonijiet ġudizzjarji kollha li jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kunsill għall-Ġudikatura;
- għad-deċiżjonijiet dixxiplinarji kollha li jiġu ppubblikati fuq is-sit web uffiċjali (fuq is-sit web dixxiplinari [konġunt](#));
- għad-deċiżjonijiet ġudizzjarji kollha li ma jiġux ippubblikati fuq is-siti web imsemmija fil-punti (a) u (b) iżda li jiġu ppubblikati f'rivisti jew f'bażijiet tad-*data*, u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jiġu ppubblikati kummerċjalment bħala "aċċess miftuħ". L-edituri ta' rivisti jew l-amministraturi ta' bażijiet tad-*data* li jixtiequ jirreġistraw id-deċiżjonijiet tagħhom jistgħu jagħmlu dan permezz tal-indirizz elettroniku msemmi hawn fuq;
- għad-deċiżjonijiet ġudizzjarji kollha li jinżammu f'bażi tad-*data* interna tal-Kunsill għall-Ġudikatura.

Irrispettivament minn jekk id-deċiżjoni nnifisha tiġix ippubblikata fuq waħda miż-żewġ siti web imsemmija hawn fuq, l-ECLIs Netherlandiżi kollha, flimkien ma' tal-anqas, l-isem tal-korp li jkun ħa d-deċiżjoni, id-data tad-deċiżjoni u n-numru tal-kawża, jinsabu fuq rechtspraak.nl.

Fejn magħrufa, jingħataw ukoll ir-referenzi tal-pubblikazzjoni f'każ li d-deċiżjoni tiġi rrapportata f'ġurnali jew f'bażijiet tad-*data*. L-ECLIs Netherlandiżi huma magħmula minn dan li ġej:

- "ECLI";
- il-kodiċi tal-pajjiż "NL";
- il-kodiċi tal-qorti (ara taħt l-intestatura "il-kodiċijiet ECLI tal-qorti" (*Gerechtscode*);
- is-sena tad-deċiżjoni;
- numru tas-serje. Hemm żewġ formati possibbli.
 - Qabel it-28 ta' Ġunju 2013, kważi d-deċiżjonijiet kollha li ġew ippubblikati fin-Netherlands kienu jingħataw numru tal-kawża tal-pajjiż (*Landelijk Jurisprudentie Nummer*, LJN). Dan l-"LJN" dejjem kien jikkonsisti f'żewġ ittri u erba' ċifri, pereż.: "AB1234". Għal raġunijiet ta' konsistenza dan l-LJN kien inkluż bħala l-ħames parti tal-kodiċi ECLI.
 - Mit-28 ta' Ġunju 2013, ma baqax jiġi attribwit l-LJN. Id-deċiżjonijiet kollha li ngħataw ECLI wara dik id-data jkollhom numru tas-serje axxendenti li jikkonsisti minn ċifri biss. Dan jista' japplika wkoll

għal deċiżjonijiet maħruġa qabel it-28 ta' Ġunju 2013.

L-aktar kodiċijiet tal-qradi importanti

Fin-Netherlands hemm għadd kbir ta' qradi. Il-kodiċijiet tal-qradi Netherlandiżi l-aktar importanti huma elenkati fit-tabella li ġejja.

L-Ogħla Qradi

HR *Hoge Raad* (il-Qorti Suprema)
PHR *Parket bij de Hoge Raad* (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-Qorti Suprema) (Avukat Ġenerali)
RVS *Raad van State* (il-Kunsill tal-Istat)
CRVB *Centrale Raad van Beroep* (il-Qorti tal-Appell tas-Sigurtà Soċjali)
College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku u Industrijali)
CBB (Ekonomiku u Industrijali)
Il-Qradi tal-appell (*Appelgerechten*)
GHAMS *Gerechtshof Amsterdam*
GHARL *Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden*
GHDHA *Gerechtshof Den Haag*
GHSHE *Gerechtshof 's-Hertogenbosch*
Il-Qradi Distrettwali (*Rechtbanken*)
RBAMS *Rechtbank Amsterdam*
RBDHA *Rechtbank Den Haag*
RBGEL *Rechtbank Gelderland*
RBLIM *Rechtbank Limburg*
RBMNE *Rechtbank Midden-Nederland*
RBNHO *Rechtbank Noord-Holland*
RBNNE *Rechtbank Noord-Nederland*
RBOBR *Rechtbank Oost-Brabant*
RBOVE *Rechtbank Overijssel*
RBROT *Rechtbank Rotterdam*
RBZWB *Rechtbank Zeeland-West-Brabant*

Il-kodiċijiet kollha tal-qradi

Lista sħiħa tal-kodiċijiet tal-qradi Netherlandiżi, f'ordni alfabetika, tinsab [hawnhekk](#). Il-korpi li ma għadhomx jeżistu huma indikati bħala "aboliti" (*opgeheven*).

L-aħħar aġġornament: 16/12/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.